Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Jannar 2020**
**(OR. en)**

**5317/1/20**
**REV 1**

**CDR 6**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 14978/19 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Polonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Diċembru 2018, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-telf tal-mandat tas-Sur Marek OLSZEWSKI, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 10408/19.

3. Fis-6 ta' Diċembru 2019, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-Gvern Pollakk ippropona[2] l-persuna li ġejja bħala membru għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

– Is-Sur Krzysztof IWANIUK, *Wójt Gminy Terespol.*

4. Fil-15 ta' Jannar 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti ssuġġerixxa li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 14977/19 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit.

5. Dik id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.

---

2 14976/19.